MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 609/2002/1

**Iceberg Refrigeration Services Limited**

**vs**

**Albert Debono**
**ezercitanti fil-kummerc bl-isem D & S Maintenance**

**Il-Qorti,**

Fit-23 ta' Lulju, 2003, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fl-14 ta' Ottubru, 2002, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut illi jhallas lill-attur is-somma ta' tlett elef, mija u disgha u sebghin lira Maltin u 94 centezmu (Lm3179.94)

rapprezentanti valur ta’ tnax-il *air-conditioner* konsenjati lill-konvenut fuq talba tieghu stess;

Bl-ispejjez u l-imghax kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici peress li l-ebda ammont ma huwa dovut mill-konvenut lis-socjeta’ attrici stante li Joseph Farrugia bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ Ceiling Systems Limited huwa debitur versu l-konvenut fis-somma ta’ disat elef u erbgha u hamsin lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm9,054.57) u l-imsemmi Joseph Farrugia *nomine* ftiehem mall-konvenut li jaghtih u fil-fatt tah tnax (12)-il air-conditioners bhala tpacija parzjali tal-fuq imsemmi debitu ta’ Lm9054.57 dovut mill-imsemmi Joseph Farrugia *nomine* lill-konvenut.  L-istess Joseph Farrugia huwa wkoll direttur tas-socjeta’ attrici u huwa ben konsapevoli:
a]  li l-ebda ammont ma huwa dovut mill-konvenut lis-socjeta’ attrici; u
b] li sar il-fuq imsemmi ftehim ta’ tpacija parzjali bejn il-konvenut u l-imsemmi Joseph Farrugia bhala direttur tas-socjeta’ Ceiling Systems Limited.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi s-socjeta’ attrici kkonsenjat tnax-il *air conditioner* f’zewg partiti lill-konvenut.  Tmienja minnhom gew ikkonsenjati fit-28 ta’ Frar, 2002, u l-erbgha l-ohra fit-8 ta’ April, 2002.  Il-konvenut mhuwiex tant qed jikkontesta l-konsenja ta’ dawn l-impjanti, tant qed jallega illi ghandha

ssir tpacija bejn il-valur ta’ l-*air conditioner*s u l-valur ta’ xoghol illi esegwixxa ghan-nom ta’ kumpanija ohra Ceiling Systems Limited illi taghha Joseph Farrugia huwa wkoll direttur.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi s-socjeta’ Ceiling Systems kienet originarjament tinnegozja l-*air conditioners*. Pero’ f’xi zmien wara Jannar, 2000, dan il-generu baqa’ jigi gestit biss mis-socjeta’ attrici, Iceberg Refrigeration Services, u kienet din is-socjeta’ illi kkonsenjat l-impjanti lill-konvenut, li minn naha tieghu jezercita l-kummerc f’ismu personalment taht l-isem ta’ D&S Maintenance.

Il-konvenut jghid illi huwa ghandu ditta ohra jisimha D&S Maintenance Limited, liema ditta giet imqabbda minn Joseph Farrugia sabiex tesegwixxi xi xogholijiet ta’ *maintenance* fuq *lifts*. Dan ix-xoghol gie esegwit a beneficcju ta’ Ceiling Systems, illi kif inghad taghha Joseph Farrugia huwa direttur u bhala tpacija l-*air conditioners* gew moghtija lill-konvenut sabiex jissodisfa l-ammont illi kellu jiehu.

Joseph Farrugia, ghan-nom kemm ta’ Ceiling Systems kif ukoll ta’ Iceberg Refrigeration Services jikkontesta bil-qawwa dan l-arrangament. Mhux hekk biss, talli jichad illi xi socjeta’ minnu rapprezentata ghandha taghti xi flus lill-konvenut. Jghid illi minkejja li kien jircievi xi *statements* minghand il-konvenut, dawna kienu jirreferu ghal xogholijiet li huwa qatt ma ordna u f’postijiet illi ma jafhomx. Pero’ ghal dak illi esegwixxa l-konvenut thallas.

F’dan l-istadju l-Qorti trid tara tistax topera t-tpacija illi qed jallega l-konvenut.

Ikkunsidrat:

It-tpacija hija regolata bl-Artikolu 1196 (1) u (2) u l-Artikolu 1197 tal-Kodici Civili. Dak ta’ l-ewwel jghid, “Meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejnithom tpacija.”

(2) “It-tpacija ssir *ipso jure*, u wkoll minghajr ma jkunu jafu d-debituri. Hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, jinqatlu wiehed bl-iehor sa fejn ikunu ndaqs.”

L-Artikolu 1197, pero’ jkompli, “It-tpacija ssir biss bejn zewgt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett somma ta’ flus, jew kwantita’ determinata ta’ hwejjeg fubgibbli ta’ l-istess speci, u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu.”

Din ir-regola taghmilha cara li biex it-tpacija tista’ tapplika jrid ikun hemm element ta’ certezza u ezattezza taz-zewgt idjun. Iffisser, illi jekk hemm xi dubbju dwar l-ammont ta’ dejn jew it-tip, tpacija ma tistax issehh. It-taghlim tal-gurisprudenza taghna konfermat konstantament dan il-principju u cioe’ illi tpacija qatt ma tista’ tigi accetta meta jkun hemm xi dubbju jew inkella parti mid-dejn ikun kontestat.

Il-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza deciza fil-25 ta’ Jannar, 1988, fl-ismijiet l-<u>Onor. Carmlino Spiteri vs DPW</u> qalet fost affarijiet ohra illi ma tistax issir tpacija meta d-dejn illi qieghed jallega illi ghandu favur tieghu l-konvenut mhux likwidu u esegwibbli jew ta’ l-inqas facilment likwidabbli. It-tpacija lanqas ma tista’ topera *ipso jure* jekk ma tkunx ammessa mill-parti l-ohra. (Ara wkoll <u>Anastasi vs Dixon</u>, PA 3 ta’ Novembru, 1982, u <u>Philip Grech vs Ronald Mifsud Et</u> Kummerc, 6 ta’ April, 1982).

Fl-isfond ta’ dan it-taghlim, il-Qorti ma tarax kif il-konvenut jista’ jottjeni xi beneficcju favur tieghu ghal dak illi jirrigwarda tpacija. L-ewwel nett, jekk ghandu xi kreditu dan huwa dovut ghall-kumpanija illi zgur mhijiex dik l-attrici. Barra minn hekk, ghad illi d-direttur fiz-zewg kumpaniji huwa l-istess, dana cahad b’mod l-aktar kategoriku illi l-konvenut ghandu xi kreditu kontra tieghu. Ghalhekk, f’dan l-istat zgur illi t-tpacija ma tistax topera. Minn naha l-ohra, s-socjeta’ attrici ppruvat fi grad li trid il-ligi illi fil-fatt ikkonsenjat l-impjanti lill-konvenut u ta’ dawn allura ghandu jhallas.

Ghal-dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lill-konvenut illi jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett elef, mija u disgha u sebghin lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm3179.94) rapprezentanti valur ta’ tnax-il *air-conditioner* konsenjati lill-konvenut fuq talba tieghu stess;

Bl-isejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta’ l-avviz kontra l-konvenut.”

Minn din is-sentenza appella l-konvenut *nomine* bl-aggravju illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti u tal-principji legali tal-kaz. In succint, huwa jikkontendi illi gab provi sufficcjenti dimostrattivi tal-fatt illi huwa qatt ma kellu relazzjoni guridika jew kummercjali mas-socjeta` attrici u dippju illi tassew kien sar ftehim ta’ tpacija;

Ma jidherx li huwa mehtieg illi l-fatti saljenti tal-kawza jergghu jigu hawn riprodotti in kwantu dawn jirrizultaw sew esposti fis-sentenza appellata. Forsi l-unici elementi addizzjonali ta’ fatt li jistghu jizdiedu jew kjariti huma dawn:-

(i) Il-konvenut jaccetta li hu jezercita l-kummerc tieghu taht l-isem D & S Maintenance;
(ii) Huwa jirrikonoxxi li din id-ditta tieghu ghandha taghti l-ammont reklamat fl-avviz;
(iii) Jaqbel ukoll illi l-*air conditioners* gew suppliti lilu u ha konsenja taghhom, anke ghaliex il-fatturi jiddemostraw li dawn gew sottoskritti minn ibnu fil-mument tal-konsenja;

Qabel ma jsiru l-osservazzjonijiet necessarji ma jkunx inopportun jekk jigu senjalati qabel xejn il-punti guridici li jghoddu f’ materja ta’ kumpensazzjoni, li ngiebet mill-konvenut *nomine* bhala bazi tal-linja difensjonali tieghu;

Hu dottrinalment maghruf illi l-iskop ta’ l-ezercizzju tad-dritt li wiehed jopponi bil-mezz tat-tpacija l-kontro-kreditu tieghu hu dak li jgib fix-xejn il-pretensjoni tal-kontroparti kreditur tieghu.  B’ hekk hu jillibera lilu nnifsu mid-debitu tieghu u inoltre jikkawtela ruhu mir-riskju ta’ xi insolvibilita` tal-kreditur-debitur tieghu u li fil-konfront tieghu huwa jopponi t-tpacija;

Jidher ukoll mill-ezami tad-disposizzjonijiet relattivi tal-Kodici Civili illi d-dritt jew il-poter surreferit ghandu effett retroattiv fis-sens li, una volta dan jigi ezercitat, iz-zewg krediti jigu konsiderati estinti mill-mument tal-ko-ezistenza taghhom;

Irid jinghad ukoll illi ma jidherx li hu projbittiv illi l-partijiet jistghu volontarjament jikkonkordaw tpacija anke jekk ma jkunux jikkonkorru ghal kollox il-kondizzjonijiet prevvisti fid-disposizzjonijiet relattivi tal-ligi.  Tali tpacija volontarja, meta ssir, tikkostitwixxi negozju bilaterali liberament adottat u maqbul mill-partijiet;

Dan premess, din il-Qorti ezaminat attentament ir-rizultanzi processwali u hi tal-fehma illi ma tistax issostni l-aggravju tal-konvenut *nomine* appellant.  Dan anke fid-dawl ta’ l-aspetti guridici suddetti u dawk l-ohra dettati mil-ligi;

Fir-rigward, din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:-

(1) Ibda biex kwalsiasi allegazzjoni ta’ xi ftehim ta’ tpacija sottomessa mill-appellanti hi kontestata mir-rapprezentant tas-socjeta` attrici appellata;

(2) L-ammont reklamat mhux biss jirrizulta ammess mill-konvenut izda addirittura hu accettat minnu illi l-*air conditioners* gew ricevuti taht il-firma ta’ ibnu.  Ma jistax allura jinnega illi ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici gjaladarba l-fatturi huma ntestati f’

isem din is-socjeta`. Anke l-istess xhud Mario Abela, ex-General Manager tas-socjeta` Ceiling Systems Ltd jasal biex jaccetta illi jekk il-konsenja saret f' April 2002 allura tali konsenja saret mis-socjeta` attrici u mhux ukoll minn Ceiling Systems Ltd (fol. 20);

(3) Jirrizulta li l-kreditu li l-konvenut appellant isostni li hu dovut fil-fatt mhux dovut lid-ditta tieghu izda lis-socjeta` tieghu D & S Maintenance Lifts Limited. Dan ghal servizzi prestati minn din is-socjeta` lis-socjeta` Ceiling Systems Ltd. Ara fatturi esebiti mar-rikors ta' l-appell (fol. 44 sa fol. 126);

(4) Jirrizulta fuq kollox mid-dikjarazzjoni ta' Joseph Farrguia ghas-socjeta` attrici illi kemm l-allegat akkordju ta' tpacija kif ukoll l-ammont pretiz minghand is-socjeta` Ceiling Systems Ltd huma kkontestati;

(5) Indubitament ukoll is-socjeta` attrici u dik l-ohra Ceiling Systems Ltd ghandhom personalita` guridika u distinta wahda mill-ohra. Fil-fatt l-imsemmi Joseph Farrugia jistqarr ukoll illi dik il-kumpanija l-ohra, li taghha hu nzerta wkoll direttur, ma ghandhiex x' taqsam mas-socjeta` attrici. Dan anke jekk fil-versjoni ta' Mario Abela ghal perijodu qasir ta' tliet xhur, iz-zewg socjetajiet kienu jinnegozjaw fl-*air conditioners*;

Stabbiliti dawn l-osservazzjonijiet, dak li jemani mid-dispost ta' l-Artikolu 1196 (1) tal-Kodici Civili huwa li ghas-sehh tat-tpacija rekwizit baziku huwa li l-kontestanti jkunu kreditur u debitur reciprokament lejn xulxin. Oltre dan, jinsab provvdut f' disposizzjonijiet ohra illi:

I. l-kompensazzjoni ma tistax tigi invokata bhala li operat ruhha *ipso jure* ghar-rigward ta' krediti li ma humiex ammessi mill-parti l-ohra (**Kollez. Vol. XXXVII P I p 490**);

II. ma jistax ikun hemm kompensazzjoni meta l-ammont ikun ikkontestat ("**Avv. John Mamo *nomine* -vs- Edward Borg**", Kummerc, per Imhallef C. Scicluna, 1 ta' Gunju 1990);

Minn dak rizultanti mill-inkartament ta’ dan il-kaz ma jistax ikun qatt dubitat illi r-rekwizit fondamentali sancit fil-precitat Artikolu 1196 (1) hu mankanti ghal kollox. Kif drabi ohra deciz “dan l-element jonqos fl-azzjoni prezenti in kwantu l-konvenut debitur qed jippretendi li jpaci debitu tieghu (terga’ fil-kaz prezenti debitu ta’ socjeta` tieghu) b’ kreditu ta’ somma ferm akbar lilu dovut imma minn socjeta` ohra li ma hijiex dik attrici” (“**Cassar & Cooper Limited -vs- Anthony Bezzina *et nomine***”, Appell Inferjuri, 31 ta’ Lulju 1996);

Fermi dawn il-konsiderazzjonijiet, mhux il-kaz li din il-Qorti tiddipartixxi mill-apprezzament fattwali u l-gudizzju maghmul mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi, l-appell interpost qed jigi rigettat u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez anke ta’ din l-istanza jitbatew mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------